

# Diskors ta' Nostalgija...

## WIEĦED MID-DISKORSI LI KIEN GĦAMEL L-MIBKI JOE SCICLUNA, GĦALLIEM PROMINENTI GĦAJNSELMIŻ

Inħoss li hija ħaġa wisq tajba li permezz ta' dan il-*Magażin* li toħroġ kull sena l-Għaqda Mużikali 'San Ġużepp', din l-Għaqda qed dejjem iżżid tagħrif relatat ma' l-istorja tar-rahal tagħna, Għajnsielem. B'dan l-artiklu se jidher indirizz li kien għamel il-mibki għalliem Għajnselmiż Joe Scicluna fl-okkażżjoni tal-ftuħ uffiċċjali taċ-Ċentru parrokkjali "Maria Lauretana" fil-21 ta' Awissu 1992.

"L-impenn tar-raħal tagħna fost iż-żgħażagħ ulied tiegħu jmur lura lejn is-snin tletin. Kien f'dan iż-żmien li twaqqfu l-ewwel għaqdiet, kemm sekulari u kemm reliġjużi li taw spinta kemm għall-edukazzjoni u r-rikreazzjoni tal-ġuvintur u x-xebbiet Għajnselmiżi. Forsi hawn min jgħidlek li d-data tista' tmur għas-snin għoxrin meta twaqqaf l-istitut San Gużepp minn Mons. Ġużepp De Piro u li fi ħdanu twaqqfet il-Banda San Gużepp fl-1928. Iżda din l-għaqda qabdet l-egħruq tagħha f'Għajnsielem meta Dun Gużepp Galea Rapa fl-1933 daħħal fiha element żagħżugħ Għajnselmiż li mhux biss taha spinta 'l quddiem iżda, nistgħu ngħidu bla tlaqliq, ħelisha minn mewt bikrija.

Fl-1933, Mons. Gonzi waqqaf l-Azzjoni Kattolika f'Għajnsielem b'Dun Gużepp Galea Rapa bħala l-ewwel Assistent Ekkleżjastiku u s-Sur Anglo Camilleri bħala l-ewwel President. Fl-1936, imbgħad twaqqaf f'Għajnsielem Footbal Club minn Father Bernard Hersey u Carmelo Mallia. F'din l-era wkoll twaqqfu s-Sea Scouts, moviment kolonjalista li kien ukoll ta' gid kbir għall-ġuvintur tar-raħal.

Minn dak iż-żmien 'l hawn il-ħidma ta wħud minn dawn l-għaqdiet rat żminijiet sbieħ u oħrajn koroh. Kien hawn żmien, per eżempju, li l-Banda San Gużepp ma baqgħetx tiffunzjona. Il-club tal-football ukoll ġieli għadda minn maltemp ikreħ li qajla rnexxielu jeħles minnu jekk mhux bi sforzi u sagrifiċċji kbar. L-Azzjoni Kattolika wkoll għamlet żmien ta' raqda wara l-1974 sa l-irxoxt tagħha fl-1986 bħala għaqda għall-adulti. Iżda żminijiet sbieħ kien hemm ukoll. Min ma jiftakarx fis-suċċessi kbar tal-Għajnsielem Football Club fis-snin sebgħin, frott tal-ħidma għaqlija tal-Kumitat ta' dak iż-żmien li għarfu jtellgħu team wara ieħor ta' players żagħżagħ kważi kollha frott ta' rażal twelidhom? U xi ngħidu għall-Banda San Gużepp li wara r-rovinament ta' l-1966, taħt il-mibki Mro. Gużeppi Farrugia għadiet minn sfidi kbar mużikali u llum stabiliita bħala waħda mill-aqwa baned fil-kamp mużikali lokali. U min ma jiftakarx fiċ-*Ċirklu Virgo Lauretana* ta' l-Azzjoni Kattolika li taħt it-tmexxija żelanti ta' Dun Karm Cassar rawwem spiritwalment u sportivament lill-ġuvintur tar-raħal, l-aktar fis-snin ħamsin u sittin. Dawk li huma ta' l-eta' tiegħu għandhom jgħożżu dawn il-memorji ta' żmien aktar sempliċi iżda ferm aktar sabiħ.

Maż-żmien dehru għaqdiet oħra li ssupplimentaw ix-xogħol ta' dawn l-għaqdiet aktar qodma. Fil-kamp spiritwali dehru l-Legion of Mary, il-M.U.S.E.U.M, u l-kongregazzjoni Marjana li mingħajr ħafna trombi wettqu ħafna xogħol siewi , xi kultant b'sagrifiċċji personal tagħhom.

Fit-1971, fil-kamp rikreattiv u kulturali twaqqfet l-Għaqda Rikreattiva u kulturali għal xi snin kienet għamlet isem kemm fir-raħal u kemm barra bl-attivitajiet li kienet torganizza. Niftakru b'nostalġija l-"Ġimgħa ta' Għajnsielem" li ġiet organizzata bejn l-1972-1976. Kienet għaqda mmexxija miż-żgħażagħ (taż-żewġ sessi) għas-servizz tar-raħal kollu li ġibdet fuqha l-interess, mhux dejjem favorevoli tar-raħal kollu.

Kienet idea ġdida u bħal kull ħaġa ġdida qajmet ċaqliqiet fuq il-ħajja kwieta tar-raħal tagħna. Wara li din l-għaqda għebet mix-xena lokali kien hemm diversi sforzi biex l-ideat li ħolqot din l-għaqda ma jintitfux. Fis-snin tmenin iċ-Ċentru Parrokkjali bil-mod il-mod, beda jimla l-vojt li kien jinħass. Sar xogħol divers, il-participazzjoni ta' ġuvintur u xebbiet ma baqgħetx 'taboo' u diversi attivitajiet bdew jiġu organizzati bħal, ngħidu aħna, "Mejda ta' l-Appostli" u l-pageant fi żmien l-Għid mill-Għaqda Drammatika f'Għajnsielem. Mal-wasla ta' Dun Mikiel Xuereb iċ-Ċentru ħa spinta 'l quddiem. Bdew jiġu organizzati diversi attivitajiet kemm reliġjużi kemm kulturali u kemm rikreattivi , F'Mejju ta' l-1990 sar Seminar f'Għajnsielem li l-aktar frott tiegħu kienet ir-riżoluzzjoni li jinbena Ċentru Parrokkjali ġdid lokali denju kemm iż-żgħażagħ kif wkoll għall-adulti tar-raħal li setgħu jużawh għad-diversi ħtigijiet tagħhom.

Hawnhekk missejna fil-qosor il-ħidma fost iż-żagħżagħ li twettqet f'dan ir-raħal f'dawn l-aħħar sittin sena."

***Għal aktar informazzjoni ara l-Ħarġa ta' Tifkira tal-Ftuħ uffiċċjali taċ-Ċentru "Maria Lauretana"***

